# Ħ'Attard - Raħal Twelidi. Tagħrif Informatiku.
## F.A. Mallia, Dip. Ed.

Tmiem Lulju bidu Awissu, ulied ir-raħal ta' Ħ'Attard, kemm dawk naturali kemm dawk adottivi, jimtlew b'ħerqa ġdida, ħerqa li ġġib magħha l-festa ta' Santa Marija. Tabilħaqq, ħafna u ħafna nies ikunu ilhom jaħdmu minn ħafna qabel Awissu iżda aktar ma toqrob il-festa, donnu l-għeja u l-qtigħ il-qalb jgħibu u flokhom tidħol determinazzjoni ġdida u qawwija li tkun kapaċi żżejjen kull intopp li jista' jinqala' fl-aħħar minuti. Nies minn kull klassi soċjali, nies b'impiegi varji, nies differenti imma kollha jħaddnu idejal wieħed, jiġifieri dak li jagħmlu festa xierqa biex jagħtu ġieħ lil patruna, Santa Marija, u fl-istess ħin jgħollu isem Ħ'Attard.

Ħ'Attard huwa wieħed minn dawk li sal-lum għandhom isejjħulhom 'It-Tlett Irħula'. Veru li dawn illum huma rħula biss ta' l-isem għax jekk wieħed ikollu jieħu lil Ħ'Attard bħala eżempju jinduna li dawn m'għadhom irħula xejn. Jinsab fil-qalba tal-gżira u kien magħruf għal kwantita' ta' ward li kienet tikber hemm. Fil-fatt, fuq l-emblema tar-raħal li hija forma ta'salib latin b'erbgħa kwadranti koħol u dik tan-nofs ħamra fuq sfond fiddieni, nsibu l-kelmiet 'Floriger Rosis Halo' jew 'Bil-ward Imfewwaħ'. Il-ward jagħtu wkoll raġuni mill-aktar valida għal kif tnisel l-isem ta' Ħ'Attard. Ir-raħal ċkejken ta' Ħal-Warda kien jagħmel parti minn Ħ'Attard. F'dan ir-raħal kien isir żejt imfewwaħ msejjaħ 'attar' u maż-żmien il-korruzzjoni tal-lingwa dawret din f'Attard. Ħafna jħossu li dan ir-raġunament huwa aktar loġiku mill-argumenti l-oħra li jgħidu li Ħ'Attard ġej mill-isem Astarte jew inkella ħa ismu minn xi familja li kienet iġġib dan il-kunjom jew laqam.

Ħ'Attard kien jagħmel parti minn B'Kara, li dak iż-żmien (1436) kienet saret parroċċa mill-Isqof de Mello. Kellhom jgħaddu ftit aktar minn mitt sena (1575) biex Ħ'Attard flimkien ma' l-irħula ta' Ħal-Bordi u Ħal-Mann sar parroċċa għalih. Tajjeb li wieħed jgħid li fi ftit taż-żmien dawn iż-żewġt irħula ta' l-aħħar ingħaqdu ma' Ħal-Lija u hekk Ħ'Attard baqa' miegħu ir-raħal ta' Ħal-Warda li sar parti ntegrali minnu. Sadanittant, il-popolazzjoni tar-raħal baqgħet dejjem tiżdied u fuq medda ta' kważi mitejn sena in-nies f'dan ir-raħal żdiedet minn 240 fl-1655 għal 1240 fl-1865. Din il-popolazzjoni baqgħet tiżdied b'mod regolari sakemm laħqet dik li għandna llum, madwar 6200. Din il-popolazzjoni għad għandha prospetti li tikber u hekk Ħ'Attard minn daqsxejn ta' raħal li aktar kien imfittex bħala villeġġatura kiber u sar raħal residenzjali mdaqqas, bil-problemi kollha li

dan iġib miegħu. Huwa fatt li ħafna mill-affarijiet li hawn f'dan ir-raħal ma kienux maħsuba biex jaqdu daqstant nies. Fost dawn insibu l-iskola u l-Knisja li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qegħdin joħorġu beraħ il-limitazzjonijiet tagħhom.

Ħ'Attard, kif għedna sar parroċċa fl-1575. Il-parroċċa twaqqfet fis-26 ta' Marzu mill-viżitatur apostoliku Mons. Pietru Duzzina. L-ewwel knisja parrokkjali kienet waħda qadima dedikata lil Assunta u li llum insibuha bħala l-Knisja ta' San Pawl. Wara kienet ġiet dedikata lil San Pawl. Ġiet profanata fl-1728, iżda sena wara reġgħet telgħet mill-ġdid. Il-knisja għadha wieqfa sal-lum iżda għandha bżonn ta' manutenzjoni. F'dawk iż-żmienijiet bikrin, din il-Knisja qdiet il-bżonnijiet tal-parruċċani, iżda kif jiġri dejjem inħass il-bżonn li tinbena waħda akbar. Fl-1613, ingħata bidu għal bini ta' Knisja ġdida fuq pjanta li kien ħażżeż l-arkitett Tumas Dingli, li kien ukoll iben Ħ'Attard. Il-Knisja tlestiet fl-1616. Fl-1718, inbena l-Kampnar, fl-1740 inbniet is-sagristija l-qadima u tan-naħa tal-kampnar inbniet fl-1856. Din il-Knisja mhux biss hija ġawhra arkitettonika, iżda hija wkoll teżor nazzjonali u għandha tiġi ttratata ta' hekk, għadha l-istess kif ippjantha Dingli, bla żieda jew tnaqqis ta' xejn. Wieħed ma jistax ma jsemmix il-faċċata tagħha mżejjna b'sitt niċeċ, żewġ kolonni, waħda fuq kull naħa tal-bieb u frontispizju irrakamat bi skultura qisha bizzilla. Barra milli hija mportanti mill-lat arkitettoniku, l-Knisja hija mgħammra b'opri li jkomplu jgħollu l-ġieħ u s-sbuħija tagħha. Fost dawn insibu kwadri ta' Baskal Buhagiar, Francesco Zahra, Ġużeppi Hyzler, Fra Luqa Garnier u Francesco Xerri. Iżda l-aktar ħaġa li tolqtok hija bla dubju ta'xejn l-istatwa titulari. Din l-istatwa ta' Marija Assunta hija tal-kina u nħadmet fi Franza. Inġiebet Ħ'Attard fl-1874 fi żmien il-Kappillan Dun Ebejer (1869-1876). Hija statwa artistika li tisraq il-qalb ta' dak li jitfa' ħarstu fuq wiċċha. Wiċċ, li fiħ l-artist irnexxielu jżewweġ b'sengħa kbira s-sbuħija u s-safa ta' dik ix-xebba qaddisa li kienet omm il-Ħallieq tagħha.

Karlu Darmanin ħadem il vara tal-Madonna ta' Lourdes u dik tas-Sultana. Mikel-Anġ Sapiano ħadem l-arloġġ fl-1872 waqt li l-orgni inħadem fl-1861 mit-Taljan, Kav. Pacifico Inzoli.

Mill-Knejjes li kien hawn fir-raħal fadal biss tnejn. Dik ta' San Pawl u dik ta' Santu Rokku jew ta' Sant'Anna, li qegħda tintuża mis-Soċjeta' tal-MUSEUM.

F' Ħ'Attard hemm bini eiħor, barra mill-Knisja, li huwa magħruf ma l-erbat irjieħ tal-gżira. Fost dawn insibu l-ġnien ta' San Anton u l-Palazz li hemm miegħu li huwa r-residenza uffiċjali tal-President ta' Malta. kemm il-ġnien

u kemm il-Palazz għandhom storja li ġejja 'al meno' minn żmien il-kavallieri jekk mhux qabel ukoll.

Bini ieħor importanti huwa d-Dar għal l-Anzjani ta' Santa Katerina. Din id-dar mmexxija mis-Sorijiet Dumnikani. Din id-Dar għamlet snin sservi bħala sptar privat iżda mbagħad inħass li jkun aħjar u ugwalment utli li din id-Dar tibdel ir-rwol tagħha.

L-isptar Monte Carmeli ukoll huwa ta' mportanza nazzjonali. Dan huwa sptar għal dawk li għandhom diżabilita' mentali. Huwa sptar li wkoll qiegħed jigi modernizzat biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' llum. Huwa tajjeb li wieħed jgħid li fil-bidu li nbena kien adegwat għal dawk iż-żmienijiet pero' fl-isfond ta' żviluppi moderni il-bżonn inħass biex isiru tibdiliet.

Naħseb li l-ebda Malti, qatt ma sema' bl-istadium Nazzjonali u l-Park Nazzjonli li hemm f'Ta' Qali. Dawn ukoll qegħdin Ħ'Attard. Min hu midħla sewwa tar-raħal u għandu xi snin fuq il-ħamsin, naħseb li għadu jista' jiftakar il-mitjar ta' Ta' Qali u r-rwol li kellu. Jiftakar ukoll l'inħawli tiegħu jħaddru b'għelejjel u uċuħ tar-raba skond l-istaġun li jkun.

Il-progress ma ħafirha lil ħadd u ġebel bajdani, difen dik il-ħdura ta' qabel. Il-Park Nazzjonali huwa l-post li nfeda minn dik il-ġirja mgħaġġla għal bini u huwa l-post fejn kull malti għadu jista' jgawdi mergħat limitati ta' kampanja.

Barra mill-Każini politiċi, f' Ħ'Attard hemm ukoll żewġ Każini Soċjali, dak ta' Santa Marija u dak tas-Soċ. Mużikali La Stella Levantina. Dan ta' l-aħħar twaqqaf fl-1894 u bħalissa qegħdin isiru preparamenti biex jitfakkar dan iċ-ċentinarju. Ftit tas-snin ilu, fl-1986, il-Każin Stella Levantina ħa ħsieb biex iwaqqaf il-Banda. Il-Kumitat u l-membri tas-Soċ. Muż. La Stella Levantina urew ħeġġa u determinazzjoni biex din l-inizjattiva tirnexxi. Fil-fatt, kull ma tmur, il-Banda dejjem tikber u tissaħħaħ. Jekk qatt kien hemm xi piki bejn dawn iż-żewġ każini, dawn kienu superfiċjali u llum narawhom jaħdmu flimkien, mdawwra ma mejda waħda, jaħdmu għalenija għal ġid tar-raħal kollu.

Ħ'Attard huwa raħal li għandu għeruq fondi fil-gżira Maltija. Kien raħal imfittex għal kwiet u għas-serħan tal-moħħ. Sbuħitu tant infirxet li żviluppa f'raħal residenzjali. Huwa raħal li bata mill-qilla tal-gwerra u gawda mill-barka tal-paċi. Raħal li rawwam u tajjar lil uliedu u laqa' u adotta oħrajn ġodda. Ħadd ma' jista' jbassar il-futur imma fil-każ ta Ħ'Attard il-futur żgur għad għandu merfugħ affarijiet sbieħ biex ikomplu jgħinu lir-raħal fit-triq li qabad.